MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2003

Rikors Numru. 1142/1997/1

Victor Vella Muskat
vs
Onorevoli Prim Ministru

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi huwa garrab ingustizzji fl-impjieg bejn il-1987 u l-1995. Huwa lahaq Segretarju ghall-Affarijiet ta' Ghawdex fl-Ufficju tal-Prim Ministru, f'Jannar 1984. Meta f' Mejju 1987 twaqqaf il-Ministeru ghal Ghawdex, l-Ufficcju tas-Segretarju ghal Ghawdex gie jifforma parti mill-Ministeru ghal Ghawdex.

Id-dmirijiet u d-doveri ta' Segretarju ghal Ghawdex kienu jinkludu, fost hwejjeg ohra, is-supervizjoni u l-ko-ordinament ta' l-attivitajiet governattivi f' Ghawdex.

Fl-1992, ir-rikorrent gie nfurmat li l-post ta' Segretarju ghall-Affarijiet ta' Ghawdex kien gie assimilat fi 'Grade 4' b'effett mill-1 ta' Jannar 1991. B'hekk saret ingustizzja mar-rikorrent ghaliex karigi b' doveri simili f' Ministeri f' Malta gew assimilati fi 'Grade 2'.

Id-dmirijiet tar-rikorrent bhala Segretarju ghall-Affarijiet ta' Ghawdex kienu dawk ta' Segretarju Permanenti f' Ministeru. Fil-Ministeru ghal Ghawdex, id-dmirijiet u d-doveri tar-rikorrent tqassmu f'erba' hatriet godda ta' kapijiet ta' dipartimenti, u cioe`, Segretarju Permanenti (Grade 2), u tlett Diretturi (Grade 5). Meta saret il-hatra ta' Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghal Ghawdex, minkejja li r-rikorrent kien ilu jaghmel id-dmirijiet u d-doveri ghal ghaxar snin, inhatar ufficjal iehor li kien tlett gradi inferjuri ghar-rikorrent, ghaliex kien Administrative Officer. Dan sar kontra r-rieda tal-Public Service Commission. Ir-rikorrent ghalhekk kien rinfaccjat bis-sitwazzjoni li biex jibqa' fil-Ministeru ghal Ghawdex, kien ikollu jaghmel xoghol inferjuri ghall-grad tieghu, jigifieri, "Grade 5". Ghalhekk, ir-rikorrent kien kostrett jirtira mis-Servizz Pubbliku. Aktar u aktar, meta huwa ma giex ittrattat bhal ufficjali ohra f' Malta li kienu nqabzu ghal hatra ta' Segretarji Permanenti minn ufficjali inferjuri ghalihom, li zammew is-salarju ekwivalenti ghal dak ta' 'Grade 2' billi nghataw hatra personali ta' saalarju ekwivalenti ghal dak tal-'Grade 2'. Ir-rikorrent ma nghatax l-istess trattament.

Illi b' dan kollu r-rikorrent garrab ingustizzji li taghhom ghadu jbati l-konsegwenza, kemm it-telf ta' salarju meta kien ghadu fl-impjieg, kif ukoll it-telf fil-pensjoni wara l-impjieg, u t-telf li kellu meta rtira mill-impjieg anki qabel l-eghluq ta' l-eta` ta' l-irtirar.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab li t-Tribunal jinvestiga l-ilmenti imsemmija skond l-Att VIII tal-1997, u jiddeciedi li r-rikorrent garrab l-imsemmija lmenti fl-impjieg tieghu fis-Servizz Pubbliku, u jaghti rimedju xieraq billi jordna li r-rikorrent ghandu ikollu pensjoni ikkalkulata fuq salarju ta' "Grade 2" fis-Servizz Pubbliku b'effett mill-gurnata ta' l-irtirar tieghu mis-Servizz, u jordna li r-rikorrent ghandu

jithallas kumpens tat-telf kollu li garrab billi jinghata s-somma ta’ Lm5,000.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Prim Ministru li eccepixxa:-

Illi r-rikorrent kien inhatar Head I (substantive grade) biex jokkupa l-pozizzjoni ta’ Segretarju fl-Ufficcju ghall-Affarijiet ta’ Ghawdex b’sehh mill-1 ta’ Jannar 1984.

Illi permezz tar-riforma fis-Servizz Pubbliku, dawk li bhar-rikorrent kellhom Substantive Grade ta’ Head I (Salary Scale 7) gew assimilati fi Grad 4 fuq bazi personali, u ghalhekk ir-rikorrent inghata s-substantive grade ta’ Officer in Grade 4 (Salary Scale 4) fuq bazi personali b’ sehh mill-1 ta’ Jannar 1991.
Illi dawk l-ufficjali li kellhom hatra ta’ Secretary (Substantive Grade 2) gew assimilati bhala Officers in Grade 2 (bl-istess Salary Scale 2 li kellhom qabel) fuq bazi personali.

Illi l-hatriet kollha ta’ Segretarju Permanenti inkluz dak li dwaru lmenta r-rikorrent, isiru fit-termini ta’ l-Art 92 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta liema Artiklu ma jipprovdix li l-hatra ta’ Segretarju Permanenti ghandha tinghata skond l-anzjanita`.

Illi ghalkemm l-anzjanita` fost l-ufficjali pubblici tinghata l-kunsiderazzjonijiet li jixirqilha, mhix il-kriterju determinanti li fuqu ssir l-ghazla ta’ Segretarju Permanenti.

Ghaldaqstant l-intimat talab li t-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrent.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi xehed ir-rikorrent li qal li fl-1984 lehaq Segretarju ghall-Affarijiet ta' Ghawdex fl-Ufficcju tal-Prim Ministru. Kien jakkompanja diversi persuni distinti minn diversi ministeri meta dawn ikunu Ghawdex u kien l-oghla ufficjal tac-Civil f'Ghawdex. Qal li l-funzjonijiet amministrattivi ghal din il-kariga kienu jinkludu d-doveri ta' Deputat Accountant General, Deputat Kummissarju tal-Artijiet, Deputat Direttur tal-Lottu, Deputat Passport Officer u Agent tal-Awtorita` tad-Djar fost ohrajn. Kien responsabbli ghas-supervizjoni u ko-ordinament tad-dipartimenti kollha governattivi kollha ta' Ghawdex u kien jirrapporta personalment lill-Prim Ministru li kien inkarigat mill-Affarijiet ta' Ghawdex. Wara l-1991 gie nfurmat li l-post li kien jokkupa gie assimilat fi 'grade 4' taht in-'New Salary Structure'. Hu hass li saret ingustizzja mieghu ghax karigi b'doveri simili gew assimilati fi 'Grade 2'. Zied ighid li kellu jibqa' jahdem fil-Ministeru u jaghmel xoghol inqas mill-grad tieghu. Fl-istruttura Ministerjali gdida ghal Ghawdex d-dmirijiet u doveri li kienu tal-kariga tieghu gew maqsuma f'erba hatriet godda ta' kapijiet ta' dipartimenti jigifieri Permanent Secretary (Grade 2) u tliet Directors (Grade 5). Semma wkoll li fil-hatra ta' Segretarju Permanenti hu gie maqbuz minn ufficjal li kien tliet gradi junior tieghu (Administrative Officer) dan kien certu Frankie Psaila. Qal li izda hu kien baqa' jiehu paga ta' grade 4. Hu qal li kien ikun ex Ufficio Chairman ta' diversi bordijiet u r-rwol tieghu kien ikun li finalment hu kien jikteb ir-rapport. Qal li kien ghamel xoghol wara l-hin diversi drabi wkoll. Hu esebixxa dokumenti minn 'A' sa 'O' esebiti minn fol 44 sa fol 90 tal-process.

F'wiehed minn dawn u cioe` Dok E a fol 51 sa 72 hemm estratt mir-rapport dwar il-hidma tad-Dipartimenti tal-Gvern ghas-sena 1991 mahrug mid-Dipartiment tal-Informazzjoni riferibbli ghal Ghawdex. Hawn jinsabu

elenkati l-kwantita` kbira ta' doveri li kellu x'jaqsam maghhom ir-rikorrent.

Xehed Dr Albert Camilleri li kien Chairman tal-Public Service Commission minn wara l-1987 sal-1991. Hu spjega l-procedura tal-appointments kif kienet issir. Qal li ssir talba lill-P.S.C. mill-Assistant Secretary u certi nies specifikament imsemmija u wara l-P.S.C. taghmel rakkomandazzjoni lill-Prim Ministru liema rakkomandazzjoni l-Prim Ministru jkollu d-dritt li jibatha lura biex terga' tigi kunsidrata jekk ma jaqbilx maghha. Jekk il-PSC jidhrilha li r-ragunijiet li gab il-Prim Ministru huma validi allura taccetta dak li jkun qieghed jitlobha. Jekk le l-Prim Ministru marbut b'dik ir-rakkomandazzjoni. Dawn kienu l-proceduri ghall-certu gradi. Ghal dawk ta' postijiet gholjin bhal Heads of Departments il-Prim Ministru "advice" biss jiehu minghand il-PSC u d-differenza bejn l-Advice u r-recommendation hi li l-advice mhux obbligat joqghod fuqu.

Qal li ma jiftakar li gie qatt quddiemhom l-isem tas-Sur Vella Muscat, izda ftit wara li nbidel il-Gvern u kien ser jigi mahtur il-Ministru ghal Ghawdex, Frankie Psaila kien gie appuntat Segretarju fil-Ministeru. Peress li biex jigi appuntat dan kien ried jaqbez xi 25 jew 30 ruh, il-P.S.C. kienet qalet li mhux accettabli. Qal ukoll li fl-1991 ftit qabel ma l-appointment taghhom kien ser jiskadi, il-P.S.C. kienu ntalbu jaghtu 'advice' lill-Prim Ministru fuq in-nomina ta' numru ta' Permanent Secretaries. Semma li dan kien provdut fil-Kostituzzjoni izda li gara li ghalkemm l-isem kien ta' Permanent Secretaries ma kien hemm ebda intenzjoni li jkunu permanenti. Zied ighid li l-procedura ta' kif saru dawn ma kenitx dik tas-soltu. Qal li kienu ltaqghu mal-Prim Ministru u s-Segretarju privat tieghu u ddiskutew dwar dan. Seniority ma kienet tidhol xejn u meta tispicca tirriverti ghal post li tkun qabel. Semma li l-procedura ta' kif isiru dawn ma ghogbithom xejn u ma kinux jafu dawn in-nies xi jsarrfu u lanqas x'ma jsarfux u lanqas jafu kif gew maghzula. Kienu qalu lill-Prim Ministru b'din il-problema wara li ddiskutew mieghu dawn il-problemi u l-unika haga li giet spjegata lilhom hi li l-funzjoni tal-

Permanent Secretary ser tkun li dawn jikko-ordinaw id-diversi dipartimenti li jaqghu taht il-ministeru.

Spjega li f'dan il-kaz tal-Permanent Secretaries, kien intalab l-'advice', u min-naha tal-P.S.C. ma setghux jghidu la iva u la le. Deherilhom li fil-kaz ta' Ghawdex ma kellux ikun hemm Permanent Secretary ghax ma kien hemm ebda Dipartiment li kien jaqa' direttament taht il-Ministeru ghal Ghawdex. Id-dipartiment li kien hemm Ghawdex kollha baqghu li l-final say tittiehed mill-Head of Deapartment, Malta. Fl-ahhar nett dwar is-Sur Vella Muscat, qal li ismu qatt ma ssemma quddiemhom.

Dr Albert Camilleri in kontro-ezami qal li jista' jghid dwar ir-riforma tal-1991 hu li saru proposti ta' riformi li gew accettati mill-Unions u kien sar ftehim bil-miktub u l-unions accettaw dawk ir-riformi. Hu spjega li l-kariga ta' Segretarju ghall-Affarijiet ta' Ghawdex mhix ekwivalenti ghal dik ta' Permanent Secretary.

Xehed <u>James Catania</u> li kkonferma bil-gurament ir-risposta tal-Prim Ministru.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk ir-rikorrent ilmenta dwar zewg aspetti u cioe`:

✓ Fl-1992 kien gie assimilat fi Grade 4 b'effett mill-1 ta' Jannar 1991 u ghalhekk bata ingustizzja ghaliex karigi b'doveri simili f'Ministeri f'Malta gew assimilati fi grade 2;
✓ Illi meta saret il-hatra ta' Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghal Ghawdex hu gie maqbuz minn persuna anqas kwalifikata u b'anqas seniority minnu.

Dwar l-ewwel aspett jinghad li sfortunatament ir-rikorrent dejjem ma apprezzax id-differenza bejn is-substantive grade u hatra ghal kariga. Meta hu kien jokkupa l-posizzjoni ta' Segretarju fl-Ufficju ghall-Affarijiet ghal Ghawdex b'sehh mill-1 ta' Jannar, 1984 hu kien Head I bhala substantive grade. Il-fatt li kif iddeskrivih Dr Albert Camilleri r-rikorrent kien bniedem kompetenti u ta' l-affari tieghu mhux sufficjenti f'dan ir-rigward. Il-maggoranza l-

kbira ta' dawk li bhar-rikorrent kellhom Substantive Grade ta' Head I (Salary Scale 7) gew assimilati fi Grad 4 fuq bazi personali, u ghalhekk ir-rikorrent inghata s-substantive grade ta' Officer in Grade 4 (Salary Scale 4) fuq bazi personali b' sehh mill-1 ta' Jannar 1991 permezz tar-riforma fis-Servizz Pubbliku. Dawk l-ufficjali li kellhom hatra ta' Secretary (Substantive Grade 2) gew assimilati bhala Officers in Grade 2 (bl-istess Salary Scale 2 li kellhom qabel) fuq bazi personali. Huwa veru li kien hemm xi eccezzjonijiet izda dak li sar kien ezercizzju li fid-diskrezzjoni ta' min hadem ir-riforma deherlu hekk. Naturalment jekk tigi pruvata ingustizzja dan it-Tribunal ghandu l-obbligu li jezamina jekk saritx ingustizzja izda dwar dan jinghad li kien dan l-aspett ma giex ippruvat. Jidher li l-hsieb tar-rikorrent ilu hemm li jekwivali l-posizzjoni tieghu ghal dak ta' Permanent Secretary tant li meta fl-1991 in segwitu ta' questionnaire mibghut mis-sur J Sammut bhala Administrative Secretary mela l-istess questionnaire, fol 2 tieghu [fol 45 tal-process] dwar purpose of position ( why does this position exist and what it is intended to accomplish ) kiteb "Permanent Secretary at Ministry in charge of Gozo Affairs."

Izda hawn ir-rikorrent jew kien zbaljat jew kien qieghed jara kbir. Infatti meta mistoqsi Dr Camilleri [li dwaru t-Tribunal jixtieq jikkumenta posittivament ghal mod onest u dettaljat li xehed] minghajr ezitazzjoni semma li s-Segretarju ghal Ghawdex ma kellux ir-rank ta' Segretarju Permanenti. Veru li kien il-"Gvernatur" ta' Ghawdex izda din ma tikkonferix promozzjoni fuq ir-rikorrent li hu ma kellux.

Ir-rikorrent stess fl-affidavit u deposizzjoni tieghu isemmi kemm kien imhabbat u fl-affidavit a fol 20 tal-process isemmi li kien Deputat Accountant General, Deputat Kummissarju tal-Artijiet, Deputat Direttur tal-Lottu, Deputat Registratur tal-Artijiet, Deputat Passport Officer, Agent tal-Awtorita` tad-Djar. Jekk kien deputat ta' dawn kollha u jirrapporta lill-kapijiet ta' dawn id-dipartimenti hu ghalhekk kien taht il-kapijiet imsemmija u mhux fuqhom. Anke meta l-PSC ma kenitx favur in-nomina ta' Segretarju Permanenti ghal Ghawdex il-bazi tar-ragunar kien propju

dan ghax id-decizjonijiet finali u l-policy kienet issir mill-Kap tad-Dipartiment ta’ Malta.
Ghal dawn il-motivi dan hu sufficjenti biex it-Tribunal jilqa’ l-eccezzjoni tal-intimat fir-rigward tal-ewwel aspett tal-ilment.

Issa dan kollu intqal ghax it-Tribunal hass li f’dan il-kaz partikolari, u anke in vista tat-tieni aspett tal-ilment, u anke ghax mkien ma giet sollevata mill-intimati, tali aspett tal-ilment jesorbita mill-kompetenza tat-Tribunal. Hawnhekk it-Tribunal jirreferi ghal dak li qal fis-sentenza deciza minnu fl-14 ta’ Dicembru, 1999 fl-ismijiet Agostino Ebejer vs Mediterranean Oilfield Services Company Limited. Fil-fatt l-assimilazzjoni fi grad ma tissemma imkien fl-artikolu 6 (1) tal-Att VIII tal-1997 u ghalhekk it-talba tesorbita mill-kompetenza tat-Tribunal ***ratione materiae.***

Hemm pero` t-tieni aspett tal-ilment u cioe` li meta saret il-hatra ta’ Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghal Ghawdex ir-rikorrent gie maqbuz minn persuna ta’ anqas esperjenza fil-post u b’anqas seniority minnu. Min-naha l-ohra l-intimat sostna li l-hatriet kollha ta’ Segretarju Permanenti inkluz dak li dwaru lmenta r-rikorrent, isiru fit-termini ta’ l-Art 92 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta liema artiklu ma jipprovdix li l-hatra ta’ Segretarju Permanenti ghandha tinghata skond l-anzjanita`; illi ghalkemm l-anzjanita` fost l-ufficjali pubblici tinghata l-kunsiderazzjonijiet li jixirqilha, mhix il-kriterju determinanti li fuqu ssir l-ghazla ta’ Segretarju Permanenti.

F’dan l-istadju t-Tribunal sejjer jikkwota minn dak li jghidu l-artikoli 92 (3) u (4) tal-Kostituzzjoni:

(3) Is-setgha ta’ hatra ta’ ufficjali pubblici biex izommu jew jagixxu fil-kariga ta’ Segretarju Permanenti u tat-tnehhija mill- kariga ta’ persuni li jkunu jzommu jew ikunu qed jagixxu f’dik il-kariga tkun fil-President li jagixxi skond il-parir tal-Prim Ministru moghti wara li l-Prim Ministru jkun ikkonsulta mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

(4) Il-kapijiet ta’ dipartimenti tal-gvern li ma jkunux dawk li l- mod ta’ hatra taghhom huwa specifikatament provdut

f'din il-Kostituzzjoni ghandhom ikunu mahtura minn fost l-ufficjali pubblici anzjani mill-Prim Ministru wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 it-Tribunal qal:

"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].
Meta wiehed jezamina dan kollu jasal ghal dawn il-konkluzjonijiet:

✓ Is-setgha ta' hatra ta' ufficjali pubblici biex izommu jew jagixxu fil-kariga ta' Segretarju Permanenti tkun fil-President li jagixxi skond il-parir tal-Prim Ministru moghti wara li l-Prim Ministru jkun ikkonsulta mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Mela l-President kull ma jaghmel hu li jagixxi skond il-parir tal-Prim Ministru.

✓ Il-Prim Ministru ghandu l-obbligu li jikkonsulta mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Izda hawn l-obbligu tal-Prim Ministru dwar Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku hu biss li jikkonsulta maghha ghax kif spjega Dr Camilleri hemm distinzjoni netta bejn ir-rakkomandazzjoni u li tikkonsulta. Izda x'inhuma l-funzjonijiet tal-Permanent Secretary? Certament dak li jikko-ordinaw id-Dipartimenti governattivi f'dawk il-Ministeri b'mod li jezercita d-direzzjoni generali u kontroll fuq dawk id-dipartimenti. Il-kariga tieghu hija superjuri ghal dak ta' kap ta' Dipartiment. Issa kif tghid l-istess Kostituzzjoni l-kapijiet ta' Dipartimenti tal-Gvern li ma jkunux dawk li l-mod ta' hatra taghhom huwa

specifikatament provdut fil-Kostituzzjoni ghandhom ikunu mahtura minn fost l-ufficjali pubblici anzjani mill-Prim Ministru wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Dan kollu jwassal li l-anzjanita` ghandha tigi rispettata. It-Tribunal bil-fors ikollu jirrimarka hawn dwar il-kariga ta' "segretarji permanenti" mahtura ghal zmien temporanju!

✓ B'dan certament it-Tribunal mhux qieghed jghid li min ikun ilu jsahhan is-siggu l-aktar ghandu jilhaq specjalment fil-karigi gholja, izda li min-naha l-ohra jrid ikun hemm ragunijiet validi ghala dan ghandu jigi mwarrab. Il-Kostituzzjoni stess tghid li l-kapijiet tad-dipartimenti ghandhom ikunu maghzula minn fost l-ufficjali pubblici anzjani, u ghalhekk l-istess Kostituzzjoni qedgha taghti importanza lill-anzjanita` pero` fl-istess hin qedgha tghid li trid issir ghazla minn fosthom b'mod li ghalhekk qedgha taghti certu diskrezzjoni fil-persuna li taghzel – li f'dan il-kaz huwa l-Prim Ministru. Jekk persuna giet fdata bit-tmexxija tal-Gvern mill-poplu ghandha d-dritt li taghzel min fil-kuxjenza taghha tahseb li hu/hi l-aktar adegwata ghal tali post u aktar ma l-post hu ta' importanza aktar tali ghazla hija aktar diskrezzjonali. Pero' xorta wahda li f'din l-ghazla m'ghandhomx jipprevalu xi sentimenti personali jew kapriccuzi izda elementi suggettivi ta' anzjanita`, esperjenza, kwalifiki, personalita` u fatturi ohra relevanti.

Nigu issa ghall-ezami partikolari tal-kaz de quo. Hawn ir-rikorrent kellu snin ta' esperjenza mill-1984 jikkordina u jikkontrolla d-dipartimenti gewwa Ghawdex. Irrizulta li hemm lista twila hafna ta' nies [mijiet] fl-istaff list esibita fol 78 sa 83 tal-process bejn ir-rikorrent u min fil-fatt lehaq Segretarju Permanenti. Irrizulta li r-rikorrent kien Officer Grade 4 waqt li l-persuna maghzula kienet administrative officer; li l-first appointment with Government tar-rikorrent kien fil-1955 waqt li tal-persuna l-ohra fl-1963; li l-appointment to substantive grade 4 tar-rikorrent kien fl-1991 waqt li dak tal-persuna l-ohra ghal Administrative Officer kien fl-1980. It-Tribunal ma giex moghti informazzjoni ohra dwar kwalifiki rispettivi tar-rikorrenti u l-persuna l-ohra. Ir-rikorrent kien gie deskritt minn Dr Camilleri bhala bniedem kompetenti u tal-affari tieghu

waqt li m'ghandux kriterji dwar il-persuna l-ohra. Din il-persuna l-ohra ma gietx imharrka u t-Tribunal gie moghti ftit informazzjoni dwarha. Zgur li skond ix-xhieda ta' Dr Camilleri [fol 32] meta kien gie suggerit lill-PSC li l-persuna l-ohra tilhaq Assistant Head din ma qablitx u x-xhud semma li biex tilhaq kien ikollha taqbez xi 25 / 30 ruh. Dr Camilleri rrimarka "Din mhix accettabli u ma tistax issir" u fil fatt giet rifjutata.

It-Tribunal ma jiddubitax il-kwalifiki u kapacitajiet tal-persuna l-ohra. Ma jistax jiddubithom u jikkunsidrahom b'xi mod inferjuri ghal dawk tar-rikorrent ghax ma ngabux provi dwar dan. Izda li hu zgur li l-presunzjonijiet kollha kienu li r-rikorrent kellu aktar esperjenza u peress li l-intimat ma ghazilx li jaghti ragunijiet validi u jispjega l-agir tieghu, minn dak li t-Tribunal ghandu quddiemu, in-nuqqas ta' hatra tar-rikorrent bhala Segretarju Permanenti tammonta ghal ingustizzja kif definita mill-ligi. Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni tal-intimat.

Peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv [certament ma jistax jinnomina lir-rikorrent bhala Segretarju Permanenti bniedem irtirat], it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens finanzjarju. Issa r-rikorrent talab li din tigi riflessa fil-pensjoni. Dan it-Tribunal ma jistax jaghmlu ghax tali hatra hija wahda temporanja ghalkemm bin-nomenklatura permanenti. In vista ta' dan kollu t-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz jordna kumpens ta' tlett elef u sitt mitt lira [LM3600].

Spejjez kontra l-intimat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------